IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

MT

# Stqarrija għall-Istampa

**Il-Lussemburgu, it-9 ta' Jannar 2020**

# L-użu tal-assi spazjali tal-UE jinsab taħt l-iskrutinju tal-Awdituri

**Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri qed teżamina l-livell ta' effettività tal-Kummissjoni Ewropea fil-promozzjoni tagħha tal-adozzjoni ta' servizzi pprovduti minn tnejn mill-programmi spazjali ewlenin tal-UE, Copernicus u Galileo. Madwar EUR 260 miljun ġew allokati mill-baġit tal-UE għal dawn l-attivitajiet għall-perjodu 2014-2020.**

Attwalment, l-UE għandha tliet programmi spazjali: Copernicus, li jipprovdi *data* minn satelliti ta' osservazzjoni tad-dinja; Galileo, sistema globali ta' navigazzjoni u pożizzjonament bis-satellita; u EGNOS, sistema reġjonali Ewropea ta' awmentazzjoni bis-satellita li tintuża għat-titjib tal-prestazzjoni tas-sistemi globali ta' navigazzjoni bis-satellita. Sa tmiem l-2020, it-total tan-nefqa tal-UE għall-użu tal-infrastruttura u għall-operat ta' satelliti u stazzjonijiet tal-art se jammonta għal madwar EUR 19-il biljun. Il-Kummissjoni pproponiet EUR 15.5 biljun oħra għall-perjodu 2021-2027.

L-UE mhijiex l-uniku fornitur ta' servizzi spazjali madwar id-dinja. L-Istati Uniti kienu l-pijunieri fil-qasam tal-osservazzjoni tad-dinja (Landsat) u niedu l-ewwel sistemi globali ta' navigazzjoni bis-satellita (GPS) tad-dinja. Iċ-Ċina, ir-Russja u pajjiżi oħra wkoll joperaw sistemi globali ta' navigazzjoni bis-satellita, jew satelliti li jipprovdu *data* ta' osservazzjoni tad-dinja. Fid-dawl ta' dan il-fatt, kif ukoll tal-ammont kbir ta' flus pubbliċi involuti, il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li jiġi mmassimizzat l-użu tal-assi spazjali tal-UE u li jiġi promoss livell qawwi ta' adozzjoni ta' servizzi spazjali mill-utenti. Huwa mistenni li l-użu mifrux ta' dawn is-servizzi joħloq ukoll impjiegi ġodda, jagħti spinta lill-innovazzjoni teknoloġika u lill-produttività, u jikkontribwixxi għal politiki mfassla aħjar, pereżempju fis-settur tal-politika tal-ambjent u f'dak tal-politika tas-sigurtà.

Illum, l-awdituri ppubblikaw Previżjoni ta' Awditu li se jsir dwar l-assi spazjali tal-UE u l-użu tagħhom. Il-Previżjonijiet ta' Awditi jipprovdu informazzjoni dwar kompitu tal-awditjar li jkun għaddej. Huma maħsuba bħala sors ta' informazzjoni għal dawk interessati fil-politika jew fil-programmi li jkunu qed jiġu awditjati.

*"Wara sforzi finanzjarji sostanzjali, l-UE saret parteċipant globali f'termini ta' servizzi ta' osservazzjoni tad-dinja u servizzi tan-navigazzjoni bbażati fl-ispazju. Iżda dawn is-servizzi għadhom ma jintużawx b'mod mifrux biżżejjed fis-suq intern tal-UE,"* **qal Mihails Kozlovs, il-**

***L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-previżjoni ta' awditu maħruġa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Il-previżjoni sħiħa tinsab bl-Ingliż fuq eca.europa.eu.***


## ECA Press

**12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg**
**E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu**

**Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-awditu**. *"L-awditu tagħna se jiddetermina b'mod partikolari jekk il-miżuri ta' promozzjoni li l-Kummissjoni Ewropea tuża kinux effettivi biex jimmassimizzaw il-benefiċċji ta' dan l-investiment pubbliku għall-kontribwenti tal-UE u għall-ekonomija fl-intier tagħha."*

L-awditu se jivvaluta speċifikament jekk il-Kummissjoni hijiex qed tippromwovi b'mod effettiv is-servizzi pprovduti mill-programmi spazjali prinċipali tal-UE. B'mod partikolari, l-awdituri se jeżaminaw jekk:

- il-Kummissjoni ddeċidietx dwar strateġija robusta rigward l-użu ta' servizzi u *data* mill-programmi spazjali emblematiċi tal-UE;
- il-qafas regolatorju fis-seħħ jiffaċilitax l-adozzjoni tas-servizzi u l-użu tad-*data*;
- l-attivitajiet tal-Kummissjoni tassew irnexxilhomx jagħtu spinta lill-adozzjoni tas-servizzi u l-użu tad-*data*; u
- il-Kummissjoni stabbilietx sistema ta' monitoraġġ xierqa għal dan l-iskop.

**Nota lill-edituri**

Attwalment, l-UE għandha tliet programmi spazjali emblematiċi:

- Copernicus: l-akbar programm ta' osservazzjoni tad-dinja li teżisti fid-dinja. Ilu jopera mill-2014 u attwalment għandu seba' satelliti fl-orbita. Copernicus għandu l-għan li jipprovdi informazzjoni preċiża biex tintuża fl-oqsma tal-ambjent, l-agrikoltura, il-klima, is-sigurtà u s-sorveljanza marittima.
- EGNOS: is-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja. Din is-sistema ilha mill-2009 tissupplimenta lis-Sistema ta' Pożizzjonament Globali (GPS) billi tirrapporta dwar il-preċiżjoni tad-*data* tagħha u tibgħat korrezzjonijiet għall-użu navigazzjonali avjatiku, marittimu u dak ibbażat fuq l-art.
- Galileo: Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS). Imniedi fl-1999, attwalment il-programm għandu 26 satellita fl-orbita. Galileo għandu l-għan li jipprovdi servizzi ta' navigazzjoni preċiżi ħafna.

Ir-rapport tal-awditjar huwa mistenni li jiġi ppubblikat lejn tmiem l-2020.

**Kuntatt għall-istampa għal din il-previżjoni**

Vincent Bourgeais – E: vincent.bourgeais@eca.europa.eu
T: (+352) 4398 47502 / M: (+352) 691 551 502